MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2009

Numru. 11/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**
**Mario Cardona ta’ 30 sena, bin Mario u Paula nee’ Azzopardi,**
**imwieled Rabat, nhar il-14 ta’ Jannar, 1979, residenti fil-fond numru Cardona House, Sir Paul Boffa Street, Victoria u**
**detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 4979(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Mario Cardona li gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer matul is-sena 2008, gewwa Ghajnsielem, (Ghawdex), u fi bnadi ohra f’Ghawdex, f’hinijiet differenti,

a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta’ Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-president ta’ Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principal tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta’ l-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli ta’ l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

b) kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principal tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tal-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta liema droga kienet fil-pussess tieghu meta din id-droga ma kienet ghal uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara illi l-Qorti tat zmien ragjonevoli lill-imputat sabiex jikkunsidra l-istess;

Rat il-verbal maghmul illum mill-Prosekuzzjoni fejn gie ddikjarat illi l-imputat assista lill-Pulizija fil-kors tal-proceduri kriminali pendenti kontra persuna ohra f'kawza ohra fl-ismijiet il-Pulizija vs Emanuel Vella;

Rat ir-rapport tal-Probation Officer Ivan Sultana;

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl ta' l-ammissjoni maghmula mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni maghmula mill-imputat u r-rapport maghmul mill-Probation Officer Ivan Sultana, izda fuq kollox il-fatt illi l-imputat assista lill-Pulizija fil-kors ta' proceduri kriminali pendenti kontra persuna ohra fil-kaz il-Pulizija vs Emanuel Vella u ghalhekk certament hawn l-applikazzjoni tal-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta fil-massimu taghha;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat ir-Regolamenti 4 u 8 G.N. 292/1939 kif sussegwentement emendat bil-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, 17 (h) u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1) akkuza, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni (2) akkuza peress illi l-istess hija assorbita fl-ewwel (1) akkuza u tikkundanna lill-imputat ghall-perijodu ta' sitt (6) xhur prigunerija u hlas ta' multa ta' erba' mija u sebghin ewro (€470).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------